**7 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Dr. Mario Vella

*versus*

Joseph Bannister bħala *Chairman* u in rappresentanza tal-*Malta Development Corporation*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Impjieg - Korporazzjoni Pubblika - Diskriminazzjoni - Trattament Inuman jew Degradanti - Politika - Libertà ta' Espressjoni - Rimedju Kostituzzjonali - Kummissjoni ta' l-Impjieg**

*Ir-rikorrent kien impjegat tal-Malta Development Corporation. Huwa*

*allega li sofra diskriminazzjoni fuq ix-xogħol tiegħu u ġie assoġġettat għal trattament inuman u degradanti minħabba l-opinjonijiet politiċi tiegħu. Ġie wkoll ivvjolat, kif allega, id-dritt tiegħu għal-libertà ta' espressjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rrifjutat teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha billi r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur minnu lamentat oltre dak kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat fis-sens li ħalliet ir-rikors sine die pendenti li r-rikorrent jitlob rimedju mill-Kummissjoni ta' l-Impjiegi.*

*Il-Qorti rriteniet li, bħala prinċipju, meta hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jilmenta, ir-rikors kostituzzjonali għandu jsir wara li jiġu eżawriti dawn il-mezzi. Il-Qorti Kostituzzjonali, ukoll, ma tiddisturbax ħlief għall-motivi serji d-diskrezzjoni tal-Qorti ta' prim'istanza użata fir-rigward.*

Il-Qorti: -

1. Ir-rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili espona illi:

(i) F'Awissu, 1985, ir-rikorrenti kien impjegat mal-korporazzjoni intimata bħala *Head of Industrial Promotion Division* - grad ta' *Head 1;*

(ii) F'Mejju, 1987, huwa kkontesta l-elezzjonijiet politiċi ġenerali fl-interess tal-Partit Laburista u għal dan ingħata "*unpaid leave*" sa minn sitt ġimgħat qabel l-elezzjoni;

(iii) Meta rritorna għax-xogħol wara l-elezzjoni huwa ntbagħat mid-diriġenti tal-korporazzjoni, "f'kamra umda b'bieb kbir ta' remissa taħt il-*'ground floor'* ta' l-*Auberge d'Aragon*", fejn ingħata, għall-ewwel, xogħol minimu u sussegwentement, tneħħewlu s-segretarja, id-*driver/messenger* u l-karrozza, ġie

skonness it-telefon u ma ngħatax xogħol;

(iv) F'Awissu, 1988, saret ristrutturazzjoni tal-gradi ta' l-impjegati tal-korporazzjoni u ngħata l-grad ta' *"Assistant Manager"* li kien jikkomprendi l-grad ta' *Head 1* u l-grad ta' taħtu, u sussegwentement baqa' fl-istess grad meta l-ex-subalterni tiegħu ġew promessi għall-grad ta' *"Managers"*;

(v) Fi Frar, 1989, huwa ntbagħat f'Dar Katalunja u "ngħata post f'passaġġ dejjaq (li) jagħti għal xi *'staff toilets"*. Huwa pprotesta u interveniet ukoll il-*union* tiegħu, u ġie ttrasferit għan-nbumru 46 Strada Mezzodi, il-Belt Valletta. F'dan il-fond intbagħtu wkoll Martin Testa u Vladimir Cini. Il-fond kien kważi vojt, bla telefon u ma ngħata ebda xogħol x'jagħmel;

(vi) F'Novembru, 1989 – wara li dawn il-fatti ġew mogħtija ċerta pubbliċità fil-gazzetti, ir-rikorrent, flimkien ma' oħrajn, ġie ttrasferit għal mal-*"Local Manufacturers Promotion Board* taħt id-Direttur ta' l-Industrija. Tħalla fl-istess fond, inġiebet xi għamara, tapiti u telefon imma ngħata xogħol ta' kwalità inferjuri għall-grad, kwalifiki u esperjenza tiegħu;

2. Dawn il-fatti ssuċċedew minkejja l-kwalifiki, esperjenza u *"record"* ta' xogħol eċċellenti, u jkompli r-rikorrent:

"B'konsegwenza tat-trattament inuman u degradanti ta' l-intimat *nomine*, l-esponent bata kemm psikoloġikament kif ukoll materjalment billi tnaqqsulu l-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu mingħajr raġuni valida, u ġie maqbuż fi promozzjonijiet li kien jistħoqqlu. Dan kollu sar ukoll b'diskriminazzjoni kontra l-esponent minħabba l-twemmin politiku tiegħu;

9. Illi l-aġir ta' l-intimat *nomine* jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-esponent protetti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Il-mod kif ġie ttrattat l-esponent, il-postijiet tax-xogħol, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u n-nuqqas ta' xogħol jammontaw għal trattament inuman u degradanti bi ksur ta' l-artikolu 36 ta' Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

10. Illi l-aġir abbużiv tal-korporazzjoni intimata jilledi wkoll il-libertà ta' l-espressjoni ta' l-esponent bi ksur ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittiiet tal-Bniedem peress li l-aġir ta' l-intimat *nomine* m'hu xejn għajr punizzjoni ta' l-idejat politiċi li l-esponent esprima;

11. Illi l-aġir ta' l-intimat *nomine* fil-konfront ta' l-esponent jammonta għal diskriminazzjoni arbitrarja mhux ġustifikata, u jilledi wkoll l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

12. Għaldaqstant ir-rikorrent talab li din il-Qorti:

(1) Tiddikjara illi l-aġir ta' l-intimat *nomine* u t-trattament ta' l-esponent fuq ix-xogħol jilledi l-artikoli 36, 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3, 10 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

(2) Konsegwentement tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali fuq iċċitati ta'

l-esponent";

3. Il-korporazzjoni intimata esponiet illi r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji u kif isemmu l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) ta' l-Att XIV/1987, billi kellu jesponi l-lanjanzi tiegħu quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impjiegi msemmija fl-artikolu 120(8) tal-Kostituzzjoni;

Barra minn dan, il-korporazzjoni b'ebda mod ma hija ħatja ta' trattament inuman u degradanti, jew ta' ksur tal-libertà ta' espressjoni jew ta' diskriminazzjoni;

4. Fit-2 ta' April, 1993, l-ewwel Onorabbli Qorti, iddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimata u akkoljietha, billi, fil-partijiet essenzjali tagħha, għall-iskopijiet ta' dan l-appell, qalet:

"... fl-ewwel lok, qabel ma tiġi kkunsidrata l-eċċezzjoni ta' l-intimat, irid jiġi stabblit jekk il-lanjanzi tar-rikorrent, għalkemm ibbażati fuq diversi artikoli tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, humiex kollha, in realtà, riżultat ta' diskriminazzjoni politika. Altrimenti l-istess eċċezzjoni tfalli billi kif ġà ngħad il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi hija intiża biss sabiex teżamina u tagħti rimedju meta jkun hemm diskriminazzjoni minħabba opinjoni politika;

Fit-tieni lok għandu jiġi ddeterminat jekk, kemm-il darba jkun stabbilit li l-lanjanza tar-rikorrent hija bbażata fuq diskriminazzjoni politika, din il-Qorti, bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'materja ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem, għandhiex tieħu konjizzjoni tal-każ, ġaladarba l-istess Kostituzzjoni tipprovdi mekkaniżmu *'ad hoc'* sabiex jagħti

rimedju f'każijiet simili";

"... ir-rikorrent issottometta li l-bażi tar-rikors promotur huma dawn it-tlett artikoli tal-Kostituzzjoni li ġew miksura u li l-lanjanza tiegħu mhux ibbażata sempliċement fuq id-diskriminazzjoni politika. Għalhekk, issottometta l-istess rikorrent, l-eċċezzjoni ta' l-intimat ma tistax treġġi billi l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mhix kompetenti li tindaga u tagħti rimedju fil-każ li jirriżulta ksur tad-Drittijiet Fundamentali kkontemplati fl-artikoli 36 u 41;

Illi għalkemm huwa minnu li fir-rikors promotur jissemmew tliet artikoli differenti tal-Kostituzzjoni l-Qorti b'danakollu trid teżamina jekk is-sitwazzjoni tar-rikorrent kinitx konsegwenza tat-twemmin politiku tiegħu; f'liema każ ikun japplika wkoll l-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni. Jew jekk il-lanjanzi, ibbażati fuq id-diversi artikoli tal-Kostituzzjoni, humiex separati u distinti minn xulxin u għalhekk tkun kompetenti biss il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Il-kliem diskriminazzjoni minħabba twemmin politiku fihom innifishom ma jfissru xejn kemm-il darba dik id-diskriminazzjoni ma tiġix manifestata esternament b'mod reali u effettiv. Għalhekk id-diskriminazzjoni trid tkun manifestata b'mod li ssir "distinzjoni, esklużjoni jew preferenza" kontra l-persuna li qed tiġi diskriminata. Daqstant dik id-diskriminazzjoni trid tkun konsegwenza ta' espressjoni ta' opinjoni politika da parti tal-persuna leża. Jekk ma jikkonkorrux dawn l-elementi ma jistax jingħad li saret diskriminazzjoni politika u r-raġuni ta' l-ilment trid titfittex bnadi oħra;

Issa jidher mir-rikors promotur innifsu u mis-sekwela tal-

fatti kif rakkontati mir-rikorrent li dan ġie diskriminat proprju wara li huwa mmanifesta l-intenzjoni tiegħu li jikkontesta l-elezzjoni għall-Kamra tar-Rappreżentanti bħala kandidat Laburista. Qabel dik id-data l-istess rikorrent, għalkemm kien ilu impjegat mal-Korporazzjoni minn Awissu 1985, ma sofra ebda diskriminazzjoni. Infatti l-għażla tiegħu, li jagħti appoġġ lill-partit Laburista waqt l-elezzjoni, ġiet irrispettata fil-mument li applika u ottjena l-*'unpaid leave'* biex jikkontesta l-elezzjoni. Inoltre ma jidhirx, mill-korp tar-rikors promotur, li sussegwentement għall-elezzjoni d-dritt tar-rikorrent għal-libertà ta' l-espressjoni jew għal-libertà li jkollu fehmiet jew li jirċievi idejat u tagħrif mingħajr indħil ġie b'xi mod frustrat bl-operat ta' l-intimat *nomine*;

L-istess rikorrent jgħid (para. 3 tar-rikors) "Is-Sur Soler (ġà *Chairman* tal-Korporazzjoni) ma tah ebda spjegazzjoni għal din id-deċiżjoni, però kien ċar li l-**motivazzjoni kienet waħda politika**". Jerġa' fil-paragrafu 8 tar-rikors jingħad li "l-esponent bata kemm psikoloġikament kif ukoll materjalment billi tnaqqsulu l-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu mingħajr raġuni valida u ġie maqbuż fil-promozzjonijiet li kien jistħoqqlu". F'dawn il-kliem hemm ir-raġuni bażika tal-lanjanzi tar-rikorrent billi fihom in suċċint dak kollu li l-istess rikorrent ġie aggravat bih. U l-istess rikorrent ikompli: "Dan kollu sar ukoll b'diskriminazzjoni kontra l-esponent **minħabba t-twemmin politiku tiegħu**";

Minn dan kollu jidher li l-allegati lanjanzi tar-rikorrent ma huma xejn ħlief riżultat ta' diskriminazzjoni politika kontra tiegħu waqt ix-xogħol bħala impjegat mal-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp. Għalhekk ir-rikorrent għandu dritt għal żewġ azzjonijiet. Dik quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala l-

Qorti kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' azzjonijiet imressqa fuq allegazzjoni ta' ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (art. 46) u dik quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi bħala l-Kummissjoni li għandha l-funzjoni li tiżgura li ebda distinzjoni, esklużjoni jew preferenza li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika ssir jew tingħata favur jew kontra xi persuna minħabba l-opinjoni politika tagħha;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jistabblixxi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollu **ġurisdizzjoni oriġinali** li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-sub artikolu 1 ta' l-istess artikolu u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna. Dan id-dritt għar-rimedju mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ikkontemplat fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, huwa bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment;

L-istess artikolu però jiopprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra;

Huwa għalhekk fid-diskrezzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tirrifjuta li teżerċita d-dritt tagħha skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, però f'dan il-każ il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-istess parti leża jkollha rimedju suffiċjenti u effettiv biex id-

drittijiet jiġu salvagwardati;

Issa l-istess Kostituzzjoni u ċjoè l-ogħla liġi tal-pajjiż, u mhux xi liġi oħra, tipprovdi mekkaniżmu speċifiku sabiex lanjanzi simili għal dawk ikkontemplati fir-rikors promotur jiġu mistħarrġa u sabiex jingħataw ir-rimedji meħtieġa. Infatti l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi għandha l-għan ewlieni li tiżgura li ħadd ma jiġi diskriminat kontra minħabba t-twemmin politiku tiegħu. Sabiex tilħaq l-għan tagħha l-istess Kummissjoni dwar l-Impjiegi ma għandha ebda restrizzjonijiet u tista' f'kull każ tagħti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet li tqis xierqa sabiex l-inġustizzja tiġi korretta;

Illi tenut kont ta' dan kollu u dak sottomess mill-abbili difensuri tal-kontendenti, il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent kellu u għandu aċċess għar-rimedju effettiv sabiex jiġi żgurat li ma jibqax ibati d-diskriminazzjoni minnu allegata. Għalhekk din il-Qorti tqis li għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri Kostituzzjonali "Perit Joseph Mallia *vs* Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent *et*" (Rik. Nru. 360/91) deċiża fis-16 ta' Lulju, 1992, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar, 1993, ikkonfermat id-dritt ikkonferit lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-*proviso* tas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond is-subartikolu 2 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni billi hija sodisfatta li r-rikorrent għandu jew kellu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur minnu allegat u konsegwentement tillibera lill-intimat mill-osservanza

tal-ġudizzju;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti;

5. Ir-rikorrent appella għaliex:

(a) Din il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha T. Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et* tal-5 ta' April, 1991 (Koll. Vol. LXXV.I.106) diġà qalet illi l-Kostituzzjoni ma tikkontemplax bħala prinċipju assoluta li qabel ma persuna tadixxi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha dejjem u tassattivament teżawrixxi r-rimedji ordinarji kollha inklużi dawk li raġonevolment mhux mistennija li jipprovdu rimedju;

(b) Illi għakemm, kif ġraw l-affarijiet, ir-rikorrent ikkonkluda li dak li ġara kien dovut għall-opinjoni politika tiegħu, il-vjolazzjonijiet li sofra ma kinux limitati għad-diskriminazzjoni politika. Dan jgħodd speċjalment għat-trattament degradanti li minħabba fih bata psikoloġikament u materjalment. M'hemmx ness neċessarju bejn id-diskriminazzjoni u t-trattament degradanti. Il-vjolazzjonijiet jistgħu jirriżultaw mingħajr ma tirriżulta l-motivazzjoni politika;

(ċ) Il-kompetenza tal-Kummissjoni ta' l-Impjiegi hija limitata għall-kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni a bażi politika u ma tikkomprendix il-kwistjonijiet l-oħra li jikkontjeni r-rikors;

(d) Fil-kawża Debono Grech *vs* Mizzi *et noe et* deċiża fit-23 ta' Diċembru, 1987, din il-Qorti ċaħdet talba ta' l-intimati biex teżerita d-diskrezzjoni msemmija fl-artikolu 46(2) tal-

Kostituzzjoni minħabba r-rimedji differenti u aktar vasti li seta' jottjeni r-rikorrenti bil-proċedura kostituzzjonali. L-istess ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza Balzan *vs* Onor. Prim Ministru tal-15 ta' Jannar, 1991;

(e) L-ewwel Qorti enunċjat ħażin il-liġi meta qalet li **għandha** tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha mentri l-liġi ma tobbligahiex li tagħmel hekk;

6. Dan il-*proviso* ta' l-artikolu 42(2) tal-Kostituzzjoni, se jiġi ripetut biex jiffaċilita l-intendiment:

"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra";

7. Dan il-*proviso* ġie, għall-ewwel darba kkunsidrat direttament, minn din il-Qorti fil-kawża Vincent Spiteri *vs* Onor. Prim Ministru *et* deċiża fil-31 ta' Awissu, 1977, (Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978 Vol. II paġ. 551 Għaqda Studenti tal-Liġi 1979) u hemm intqal:

"Dwar dan il-*proviso,* l-appellant wera fit-trattazzjoni ċerta preokkupazzjoni li dan jista' fil-prattika jkun qed jiġi mifhum fis-sens li fejn hemm mezz ta' "*redress*" disponibbli d-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi eżerċitata favur id-deklinazzjoni ta' l-eżerċizzju tal-poteri tal-Qorti għall-"*enforcement*" tal-"*human rights provisions*" u f'dan ir-rigward għamel ukoll konfront interessanti bejn l-imsemmi *proviso* għall-artikolu 47(2) (kif kienet l-enumerazzjoni ta' dak iż-żmien) tal-Kostituzzjoni

Kostituzzjoni minħabba r-rimedji differenti u aktar vasti li seta' jottjeni r-rikorrenti bil-proċedura kostituzzjonali. L-istess ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza Balzan *vs* Onor. Prim Ministru tal-15 ta' Jannar, 1991;

(e) L-ewwel Qorti enunċjat ħażin il-liġi meta qalet li **għandha** tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha mentri l-liġi ma tobbligahiex li tagħmel hekk;

6. Dan il-*proviso* ta' l-artikolu 42(2) tal-Kostituzzjoni, se jiġi ripetut biex jiffaċilita l-intendiment:

"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra";

7. Dan il-*proviso* ġie, għall-ewwel darba kkunsidrat direttament, minn din il-Qorti fil-kawża Vincent Spiteri *vs* Onor. Prim Ministru *et* deċiża fil-31 ta' Awissu, 1977, (Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978 Vol. II paġ. 551 Għaqda Studenti tal-Liġi 1979) u hemm intqal:

"Dwar dan il-*proviso,* l-appellant wera fit-trattazzjoni ċerta preokkupazzjoni li dan jista' fil-prattika jkun qed jiġi mifhum fis-sens li fejn hemm mezz ta' "*redress*" disponibbli d-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi eżerċitata favur id-deklinazzjoni ta' l-eżerċizzju tal-poteri tal-Qorti għall-"*enforcement*" tal-"*human rights provisions*" u f'dan ir-rigward għamel ukoll konfront interessanti bejn l-imsemmi *proviso* għall-artikolu 47(2) (kif kienet l-enumerazzjoni ta' dak iż-żmien) tal-Kostituzzjoni

tagħna u l-artikolu 26 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ċertament però m'hemm xejn fis-sentenza appellata li jista' anki lontanament jindika dan. M'hemmx kwistjoni li l-Qorti adita għandha tikkunsidra u tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti biex tara jekk fid-dawl tagħhom deklinazzjoni tali hijiex, kif jgħid id-disposizzjoni *"desirable"*. Meta però, tiġi hekk eżerċitata diskrezzjoni tali, jakkwista rilevanza prattika l-prinċipju wisq drabi affermat (l-iktar riċentement fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Awissu, 1977, *in re* Dr. Pace *vs* Vella b'ċitazzjoni ta' diversi sentenzi oħra) illi bħala regola Qorti ta' sekonda istanza ma tiddisturbax id-diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti ta' prim'istanza u minnha eżerċitata, jekk mhux għal raġuni gravi bħallikieku fejn dik il-Qorti tkun eżerċitat illegalment jew b'xi mod manifestament erroneju jew inġust, id-diskrezzjoni tagħha";

(b) Din il-Qorti, ma ppronunzjatx ruħha fuq il-*proviso* fis-sentenza, *in parte*, li tat fit-23 ta' Diċembru, 1987, fil-kawża l-Onor. J. Debono Grech *vs* A. Mizzi *et noe*, kif qed jissottometti l-appellant. Kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'dik il-kawża, li fl-20 ta' Novembru, 1987, qalet li, dik il-Qorti għandha tkun ġeluża għall-eżerċizzju ta' dan id-dmir (i.e. il-ġurisdizzjoni esklussiva tagħha li tieħu konjizzjoni ta' kawżi fuq vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali) u;

"M'għandhiex tastjeni u tabdika favur xi Qorti oħra, aħseb u ara favur tribunal amministrattiv. Terġa' r-rimedji kkontemplati f'dan ir-rikors imorru aktar 'il bogħod mir-rimedji li jista' jipprovdi t-Tribunal Industrijali, apparti kollox, *in vista* tar-*reinstatement* (kif jaqblu l-partijiet)";

Din il-Qorti, però, fis-sentenza tagħha qalet li din ir-

riferenza għall-art. 46(2) kienet irrilevanti għall-kwistjoni li kellha quddiemha u għalhekk skartatha;

(ċ) Fil-kawża A. Balzan *vs* Onor. Prim Ministru *et* deċiża finalment minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1991, (Vol. LXXV.I.22) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ċaħdet it-talba ta' l-intimat biex tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni u qalet:

"Kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu u fil-każ tar-rikors odjern, għalkemm huwa veru li r-rikorrent seta' talab li l-intimati jieqfu mix-xogħol fuq l-art permezz ta' mandat ta' inibizzjoni, imma hemm involuti bosta punti li ma kinux ser jiġu riżoluti bi proċedura simili;

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti m'hijiex se tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha biex tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern skond l-istess artikolu 46 tal-Kostituzzjoni";

L-appell lil din il-Qorti sar mir-rikorrenti u għalhekk din it-talba ta' l-intimati ma ġietx ikkunsidrata wara s-sentenza ta' l-ewwel grad;

(d) Fis-sentenza tat-22 ta' April, 1991, fl-ismijiet C.J. Trundell *vs* Onor. Ministru ta' l-Affarijiet Barranin *et* (LXXV.I.201) din il-Qorti kkonkludiet:

"Għaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tiddikjara illi r-rikorrent ma ssodisfax il-qorti li huwa, qabel ma rrikorra għal rimedju kostituzzjonali kien effettivament eżawrixxa r-rimedji ordinarji; b'dan kollu, minħabba l-impostazzjoni żbaljata tal-Prosekuzzjoni rigward l-applikabbilità għall-proċeduri ta' estradizzjoni u n-nuqqas ta' avviż mill-Maġistrat sedenti lir-

rikorrent meta ħarġet l-Ordni ta' Estradizzjoni – kif irid l-artikolu 16 Kap. 276 – ġà l-materja ta' l-ewwel sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' April, 1991 – din il-Qorti xorta eżamint l-allegati vjolazzjonijiet b'riżultat negattiv għar-rikorrenti";

(e) Fil-kawża J. Picco *vs* L-Avukat Ġenerali ta' l-10 ta' Diċembru, 1991 (Vol. LXXV.I.340) din il-Qorti kellha quddiemha sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ddeċidiet li kien desiderabbli li ma teżerċitax is-setgħat tagħha għaliex ir-rikorrent għad għandu disponibbli għalih ir-rimedju ta' l-appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, rimedju illi, kif ġà ngħad, ir-rikorrenti kien qed jeżerċita, din il-Qorti fuq dan qalet:

"Din id-deċiżjoni ma tindikax jekk kemm-il darba l-ewwel eżaminatx il-fatti lilha esposti biex tara tirriskontrax fihom il-leżjoni ġà sofferta kif jallega r-rikorrent, u qed tirritjeni illi jekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri, tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-parti tagħha li tirrigwarda l-art. 104 tal-Kodiċi Kriminali, allura dik ir-revoka tkun rimedju għal dik il-leżjoni; jew inkella sempliċement, illi, irrispettivament jekk dawk il-fatti jikkostitwixxux jew le leżjoni ta' dritt fundamentali r-rikorrenti, għal-lanzjanza tiegħu għandu favur tiegħu mezzi disponibbli għal rimedju skond il-Kodiċi Kriminali – kif preċiżament isemmi l-imsemmi art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Din l-ambivalenza possibbli tas-sentenza appellata tobbliga lil din il-Qorti li teżamina ż-żewġ alternattivi";

(f) Fis-sentenza tat-13 ta' April, 1992, fl-ismijiet G. Debono *et vs* L-Onorevoli Prim Ministru *et* (LXXVI.I.64) din il-Qorti rriteniet li r-rikorrenti ma kinux għamlu użu mill-mezzi offerti mil-liġi ordinarja biex jaraw xi kwalità ta' kumpens kienu

jottjenu għall-art li l-Gvern esproprijalhom **qabel** ma jirrikorru quddiem l-organi ġuridiċi kostituzzjonali biex jannullaw liġi għaliex leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħhom, billi ma tikkonċedilhomx kumpens adegwat għall-art esproprjata;

(ġ) Is-sentenza ta' din il-Qorti, li għaliha hemm riferiment fis-sentenza appellata, ta' l-14 ta' Jannar, 1993, Perit J. Mallia *vs* Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Ambjent *et* ikkonfermat dak li ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li r-rikorrent ma kienx esperixxa r-rimedji possibbli li toffri l-liġi odinarja u żiedet illi, ir-rikorrent ma setax, fil-każ, jiġġustifika n-nuqqas tiegħu billi jirritjeni preġudizzjalment, illi dak li kellu jagħmel m'għamlux għaliex kien ifalli żgur;

8. Minn din ir-rassenzja tas-sentenzi kemm ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;

(a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli);

(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità ta' l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;

(ċ) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;

jottjenu għall-art li l-Gvern esproprijalhom **qabel** ma jirrikorru quddiem l-organi ġuridiċi kostituzzjonali biex jannullaw liġi għaliex leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħhom, billi ma tikkonċedilhomx kumpens adegwat għall-art esproprjata;

(ġ) Is-sentenza ta' din il-Qorti, li għaliha hemm riferiment fis-sentenza appellata, ta' l-14 ta' Jannar, 1993, Perit J. Mallia *vs* Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Ambjent *et* ikkonfermat dak li ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li r-rikorrent ma kienx esperixxa r-rimedji possibbli li toffri l-liġi odinarja u żiedet illi, ir-rikorrent ma setax, fil-każ, jiġġustifika n-nuqqas tiegħu billi jirritjeni preġudizzjalment, illi dak li kellu jagħmel m'għamlux għaliex kien ifalli żgur;

8. Minn din ir-rassenzja tas-sentenzi kemm ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;

(a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli);

(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità ta' l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;

(ċ) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;

Lawrence Borg

*versus*

*Chairman* tal-*Planning Area Permits Board* u l-Onorevoli Ministru għall-Ambjent, u b'Nota tat-18 ta' Ġunju, 1993 iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar assuma l-atti tal-kawża flok iċ-*Chairman* tal-*Planning Area Permits Board*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni – Politika – Bini Għoli ta' – Permess – *Planning Area Permits Board***

*Ir-rikorrent allega diskriminazzjoni politika billi ma ngħatax permessi jibni oltre ċertu għoli meta allega li ħaddieħor kien hemm bena. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba għax ma rriżultax il-fatt diskriminatorju. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

Il-Qorti: –

1. Ir-rikors tiegħu, ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Lawrence Borg, espona illi huwa bħala proprjetarju tal-lukanda "*Cerviola*", Triq il-Qaliet, Marsascala, kien ottjena fit-8 ta' April, 1991, il-permessi neċessarji mill-*Planning Area Permits Board* sabiex jagħmel xogħlijiet addizzjonali;

2. Fl-1992 huwa ried jerġa' jagħmel xogħlijiet addizzjonali oħra, liema xogħlijiet kienu in konformità mal-politika tal-Ministeru tat-Turiżmu, u infatti, il-pjanijiet irċevew l-approvazzjoni tal-Bord tat-Turiżmu;

3. L-applikazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet, però, ġiet riġettata mill-imsemmi *Planning Area Permits Board* fit-8 ta' Mejju, 1992, u falla wkoll ir-rikjam li huwa għamel lill-Kumitat xelt tal-Kamra tad-Deputati. Ir-raġuni mogħtija kienet illi:

xejn li jaqa' taħt l-eċċezzjoni 8(e), u minn kif ipprospettat ir-rimedji l-ewwel Qorti, jista' jkun il-każ, illi dak ir-rimedju jkun komplet (para. 8ċ) għall-futur immedjat tal-posizzjoni tar-rikorrent fl-impjieg tiegħu;

10. Din il-Qorti ser tirrispetta d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, biex tagħti l-opportunità lir-rikorrenti li jitlob rimedju mill-Kummissjoni ta' l-Impjiegi – b'dan però, li se tħalli dan ir-rikors differit mingħajr data, riappuntabbli mir-rikorrent wara li l-istess Kummissjoni tkun ikkonkludiet l-operat tagħha, biex imbagħad din il-Qorti tkun tista' tirreżamina l-posizzjoni u tipproċedi kif ikun ġust u xieraq;

It-termini tad-deżerzjoni huma sospiżi;

Il-mertu kollu tar-rikors jibqa' impreġudikat;

Il-kap ta' l-ispejjeż ukoll huwa sospiż biex jiġi deċiż wara r-riappuntament.